MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 250/2000/1

**Epifanio u Georgina Azzopardi**
**-vs-**
**Alfred Attard**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **ic-citazzjoni** tal-attur li permezz taghha ppremetta:

Peress illi l-attur silef diversi somom ta’ flus lill-konvenut, liema debitu kien gie rikonoxxut fuq skrittura ffirmata quddiem in-Nutar Antoine Agius fit-3 ta’ Lulju, 1985, fejn il-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur a favur l-attur ghas-somma ta’ Lm13,000, bl-imghax ta’ 8% is-sena pagabbli kull sitt xhur;

Peress illi l-konvenut ghamel diversi pagamenti akkont, huwa fadallu jhallas bilanc ta’ Lm18,500, mehud kont l-

imghaxijiet li ddekkorrew, ghal-liema somma l-konvenut gie nterpellat ihallas, izda baqa' inadempjenti;

Peress illi l-konvenut m'ghandhux eccezzjoni xi jgib kontra t-talba ghall-hlas;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex – previa d-dispensa tas-smiegh tal-kawza in vista tas-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili – ghar-ragunijiet fuq imsemmija, (1) m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma msemmija ta' Lm18,500 (tmintax il-elf u hames mitt lira maltija) dovuta lilhom kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tas-16 ta' Settembru, 1999, u bl-imghaxijiet legali tat-8%, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-degriet a fol 9 tal-process li bih din il-Qorti awtorizzat lill-konvenut jipprezenta nota' ta' eccezzjonijiet;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Alfred Attard a fol. 10 tal-process li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent ma ghandu jaghti xejn lill-atturi u konsegwentement it-talbiet taghhom ghandhom jigu michuda.

2. Illi f'kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-ammont imsemmi fl-iskrittura tat-3 ta' Lulju 1985 kien thallas kollu bl-imghaxijiet ta' uzura.

3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit ai termini ta' l-artikolu 1713 tal-Kodici Civili, l-atturi ma ghandhomx dritt jagixxu ghall-hlas tas-somma imsemmija fl-istess skrittura.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjoni ulterjuri ta' Alfred Attard a fol. 77 tal-process li permezz taghha eccepixxa, bla pregudizzju

ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, illi l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 271 li bih gie nominat Martin Bajada bhala espert kalligrafu;

Rat ir-rapport tieghu a fol. 293 *et sequitur*;

Rat in-noti tal-partijiet.

**Fatti**

Illi din hija kawza ghal hlas tas-somma ta' Lm18,500 (illum 43093.41 Euro), li l-bazi taghha hija skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' Lm13,000 datata 3 ta' Lulju 1985 u li giet iffirmata mill-konvenut.[1]

**Konsiderazzjonijiet**

Illi dwar l-iskrittura innifsha ma hemmx kontestazzjoni. Hemm kontestazzjoni dwar bilanc li l-attur qieghed jippretendi li ghandu jiehu bhala kapital u imghax abbazi ta' l-istess skrittura.

Illi filwaqt li l-attur jallega li ghad baqa' bilanc ta' Lm18,500 konsistenti f'kapital u imghaxijiet, il-konvenut eccepixxa, *inter alia*, li ma ghandu jaghti xejn lill-atturi. In sostenn ta' dan, huwa esebixxa zewg ricevuti, wahda bla data li tghid is-segwenti: *"Jiena, Epifano Azzopardi qieghed nircievi minn ghand Alfred Attard bhala l-ahhar pagament is-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltija) li ghandu jaghtini"* [2] u ohra datata 29 ta' Novembru 1998 li tghid testwalment is-segwenti *"Jiena, Epifano Azzopardi ta' 142, Pinto Street, Qormi, qieghed nircievi minn ghand*

[1] Dok A a fol. 6
[2] *a tergo* ta' fol. 204 u li fotokopja taghha tinsab a fol. 161

*Alfred Attard ta' Yochris, Old Railway Track, St. Venera is-somma ta' Lm300 (tlett mitt lira Maltin) bhala l-ahhar pagament li ghandu jaghtini"* u firma bl-isem ta' "*Epifano Azzopardi*".[3]

Illi dawn l-ircevuti kemm fl-original taghhom u kemm il-fotokopji taghhom gew ezaminati mill-espert kalligrafu Martin Bajada, nominat minn dina l-Qorti, li wara li ha kampjun tal-firma ta' l-attur Epifanio Azzopardi rrizultalu li l-firma fuq l-original hija wahda awtentika u cioe saret minn id l-attur, bhal ma rrizultalu li kienu awtentici l-firem fuq id-dokumenti kollha fejn dawn jirrizultaw minn fol. 173 sa fol. 231, liema ricevuti gew esebiti mill-konvenut u jirrigwardaw diversi pagamenti li hu jsostni li kien ghamel lill-attur. Inoltre` l-espert kalligrafu in eskussjoni iccara l-punt li ma rrizultalux li fejn kien hemm il-firem ta' l-attur minn fol. 173 sa fol. 231 dawn gew *traced* jew *scanned*.[4]

Illi ai termini ta' l-artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'harsien tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapport peritali kontra l-konvinciment taghha nnifisha. Madankollu l-fehmiet teknici ma jistghux jigu mwarrba kif gieb u lahaq sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.[5] Illi biex tali perizja kalligrafika tigi skartata l-Qorti ghandha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi tal-kaz il-perizja toffrix affidament sufficjenti biex tigi stabbilita l-verita` ta' kif graw l-affarijiet.

Illi l-konvenut spjega illi kellu zewg ricevuti ta' kwittanza stante illi wara li kien ghamel il-pagament ta' Lm500 fejn gie dikjarat li kien l-ahhar pagament, l-istess attur kien rega' mar u qallu li kien hemm zball ta' Lm300 u stante li l-konvenut ma setghax isib l-ahhar ricevuta haseb li jkun

---

[3] A fol. 224 li fotokopja taghha giet esebita wkoll a fol 47 u a fol. 164
[4] a fol. 334
[5] App. Kumm. 23.6.1967 fil-kawza fl-ismijiet Geswarda Bugeja et vs Emanuele Muscat et.

ahjar jekk jehel Lm300 ohra u jkollu ricevuta ta' l-ahhar pagament.[6]

Illi l-Qorti ezaminat sew l-erba' (4) libretti esebiti mill-konvenut a fol. 173 sa fol 231 u filwaqt li tinnota li certi ricevuti huma bla data, hemm ricevuti ohra datati u dan kuntrarju ghal dak li ssottomettew l-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li ghajr ghal ricevuta wahda, "*ir-ricevuti l-ohrajn kollha huma* _*bla data*_".[7] Lanqas ma taqbel din il-Qorti mas-sottomissjoni ta' l-atturi illi l-istess libretti huma kollha kwazi godda u fi stat prestin u li allura bhal donnu ma ghaddiex zmien minn fuqhom. Minn ezami *ictu oculi* ta' dawn il-libretti din il-Qorti setghat tikkonstata illi l-librett immarkat bil-lapes bin-numru wiehed (1) jikkontjeni pagni li sfaru biz-zmien u mid-dati hemm imnizzla jidher li dan kien l-ewwel ktieb ta' ricevuti filwaqt li l-ahhar ktieb, u cioe' dak markat bil-lapes bin-numru erbgha (4) u li jikkontjeni ricevuti wahda datata 29 ta' Novembru 1998, jidher pjuttost gdid. Illi fix-xhieda tieghu tas-16 ta' Mejju 2001 il-konvenut spjega illi ir-raguni il-ghala ir-ricevuta tad-29 ta' Novembru 1998 qieghdha fuq librett ghaliha kienet li hemm si trattava ta' ricevuta importanti.[8]

Illi ghalhekk dina l-Qorti sejra tezamina l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi.

Illi fix-xhieda tieghu tal-5 ta' Gunju 2000 l-attur spjega illi r-ricevuti in kwistjoni kien jiktibhom il-konvenut u hu kien jiffirmalu ghal dak li jkun tah. Spjega wkoll illi hu kien jaqra l-figuri u n-numri tal-flus li kienu jkunu fl-ircevuta. Fix-xhieda tat-12 ta' Marzu 2001 ikompli jispjega li wasal ghall-figura ta' Lm18,000 ghax jimmagina li kienet daqshekk is-somma li kien ghad fadallu jaghtih il-konvenut.

Il-konvenut da parti tieghu spjega il-mod kif kienu jsiru l-pagamenti u illi huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur.[9]

---

[6] ara xhieda tal-konvenuta a fol. 167
[7] a fol. 344, sottolinejar tal-atturi
[8] a fol. 54
[9] a fol. 59

Illi huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur/ konvenut li jallegah. Dan ghaliex la darba jeccepixxi l-pagament ikun jispetta lilu li jipprova dan b' mod konvincenti u konklusiv.

Huwa mbaghad maghruf ukoll illi "*l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant"* - "**Emmanuele Bezzina - vs- Emmanuele Attard *et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Frar 1959.

Illi fil-kaz in ezami gew esebiti sensiela ta' ricevuti inkluz zewg ricevuti li jikkwalifikaw il-pagament hemm imnizzla bhala **"l-ahhar pagament".** Illi ma hemmx dubju illi f'materja ta' pagament il-prova ta' ricevuta hija l-ahjar prova u l-aktar wahda li tassigura li d-debitur ikun hallas kontra l-pretensjonijiet tal-kreditur.

Illi ghalkemm l-atturi jippruvaw inisslu dubju dwar il-kwittanza kif imnizzla fir-ricevuti a fol. 161 u 164, din il-Qorti thoss illi d-dicitura taghhom hija wahda cara u inekwivoka u stante li l-espert kalligrafu kien nett dwar l-awtenticita' tal-firma tal-attur, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut irnexxielu jindizimpenja ruhu mill-oneru mitfugh fuqu tal-pagament. Illi din il-Qorti tkompli ssahhah il-konvinciment taghha illi r-ricevuti li ghalqu l-kontijiet bejn il-partijiet huma validi mill-fatt illi jekk wiehed ihares lejn ir-ricevuti kollha jsib illi l-attur kien jiffirma ezatt kif jispicca l-kliem jew linja ezatt taht, haga li ghamel ukoll fir-ricevuta tad-29 ta' Novembru 1998. Dan inehhi kwalunkwe dubju illi l-kliem *"bhala l-ahhar pagament li ghandu jaghtini"* seta' gie mizjud wara li kien iffirma l-istess attur. Fil-fatt hemm ricevuta ohra fejn il-kliem "bla l-ahhar pagament" ma jigux l-ahhar, ghalhekk ma setghux jigu mizjuda[10].

Illi ghaldaqstant mill-provi kollha prodotti fil-mori tal-kawza din il-Qorti ssib illi l-atturi mhux gustifikati fit-talba taghhom u ghalhekk sejra takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

[10] Ara fol 161.

In vista ta' dan appena sottomess, din il-Qorti thoss li lanqas ma kien ikun hemm bzonn ssir indagini ulterjuri dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut. Izda ghall kull buon fini tista' tghid ukoll li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hija nfondata billi kif jirrizulta mill-provi jidher li ghalkemm il-konvenut ighid li bejn 1993 u 1999 ma sarux pagamenti, fil-fatt jirrizulta li dan mhux hekk. Effettivament fil 1997 kienu saru pagamenti mill-mara tal-konvenut[11], kif ukoll, skond il-konvenut, hemm ricevuta ta' Lm 400 datata 7 ta' Settembru 1995[12]. L-ittra ufficjali ta' l-atturi hija datata 16 ta' Settembru 1999 ghalhekk skond dawn ir-rizultanzi dwar pagamenti maghmula, il-preskrizzjoni kwinkwennali giet interrotta.

Kwantu ghall-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut li l-attur ma setghax jagixxi ghal hlas tas-somma mitluba a termini ta' l-artikolu 1713 tal-Kap 16 billi hemm xi flus huma konnessi mal-loghob, il-Qorti tirrileva li ma ngabux provi konklussivi biex jsostnu dina l-allegazzjoni. Inoltre jirrizulta li kienet biss parti zghira mis-sommom mislufa li setghu gew uzati ghall-dak l-iskop.

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.
Bl-ispejjez kontra l-atturi.
Tichad it-tielet eccezzjoni u l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] Ara Dok AA1 – AA2 fol 162/163.
[12] Ara Librett 2 fol 198